**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 28 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Malcolm Bondin**

**Vs**

**Jonathan Farrugia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Jonathan Farrugia ta' 26 sena, iben Raymond Alfred u Mary Grace nee' Fava, imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Mejju 1988, residenti Flat 16, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Block C, Birzebbugia w detentur tal-karta tal-identita numru 239888M;

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 t'Awwissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Iffalsifika biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus iffalsifikat li kien jaf li hu ffalsifikat;

2) Minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li l-istess kienu iffalsifikati;

3) Minghajr awtorita' legali jew skuza legittima jew ragonevoli ghamel, uza, jew xjentement kellu fil-kustodja tieghu, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali bhal dik provduta w uzata ghall-ghemil ta' xi biljett tal-flus, jew xi karta specjali tali;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza irrisulta li, waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat rigward investigazzjoni ohra, instabu numru ta' karti ta' hamsin ewro li kienu foloz. L-aktar element indikattiv li dawn kienu foloz kien proprju n-numru serjali tal-flus, liema numru kien identiku fuq kull karta. Ghalkemm dawn jidhru li ma sarux b'mod professjonali hafna, ghal persuna ordinarja jidhru bhala karta ta' hamsin Ewro, u setghu jintuzaw facilment f'hanut jew iehor. Madankollu, dawn instabu f'gwardarobba fir-residenza tal-imputat, ghalhekk bhala reat huwa s-semplici pussess taghhom li qed jigi kkunsidrat

f'din il-kawza. Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tar-recidiva tal-imputat, u tenut kont tal-gravita' tar-reat – reat li jmur espressament kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta – il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 45(1), 46, 47(a), 50(3) u 50(4) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel akkuza, u ghaldaqstant tilliberah minnha;

Issib lill-imsemmi imputat hati tat-tieni, t-tielet u r-raba' akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannah ghal 18 il-xahar prigunerija.

Tordna l-konfiska tal-flus foloz esebiti bhala Dok MB1 f'idejn il-Bank Centrali ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**